**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 16 ta' Novembru 2001**

**Numru 21**
**Citaz. Nru. 1288/97 FDP**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**Vs**
**Michael Vella u Josette D'Alessandro**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lix-Xandir Malta Canteen;

Illi l-konvenuti jew min minnhom kienu jiggestixxu l-imsemmi Xandir Malta Canteen meta sar il-bejgh in kwistjoni;

Illi ta' dan il-bejgh fadal bilanc ta' elf tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1355) li l-konvenuti jew min minnhom ghadhom ma hallsux ghal din il-merkanzija;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu, baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1355;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u ta' l-ittri ufficjali datati 22 ta' Awissu 1996 u 10 ta' Ottubru 1996 kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat id-dikjarazjoni guramentata ta' Dr. Austin Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-11 ta' Lulju 1997, li l-Qorti, wara li semghet lill-konvenut fl-Udjenza tas-27 ta' Gunju 1997 awtorizzat lill-istess konvenut jipprezenta, fejn gie premess:-

1. Preliminarjament illi l-konvenuta Josette D'Alessandro ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija ma xtrat xejn minghand l-attur u m'hi responsabbli ghall-ebda ammont mitlub minnu;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghar-rigward tal-konvenut Michael Vella, jigi eccepit li l-ammont mitlub mhux dovut kollu stante li dan ma jihux in konsiderazzjoni l-kaxxi b'pakketti ta' *snacks* li kienu gew suppliti lill-eccipjent u li kellhom data ta' skadenza qasira hafna u li l-esponenti kien ftiehem mas-*salesman* li jekk dawn ma jilhqux jinbieghu jigu rimpjazzati. Ghalkemm l-eccipjent kien avza lis-*salesman* biex ibiddilhom, huwa naqas u ghalhekk l-esponenti m'ghandu jhallas xejn ta' dawn il-kaxxi. Di fatti l-eccipjent spicca biex remihom fil-mizbla;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Michael Vella u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Mark Chetcuti li gie nnominat minn din il-Qorti sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-13 ta' Marzu 2000 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta Josette D'Alessandro;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici intavolat din il-kawza kontra l-konvenuti ghall-hlas ta' Lm1355 rapprezentanti merkanzija li hija allegatament bieghet u kkonsenjat lix-Xandir Malta Canteen;

Illi Marvin Sapiano, *credit controller* mas-socjeta` attrici, fix-xhieda tieghu quddiem il-perit legali (fol 55 tal-process) spjega li l-konvenuti kellhom *running account* mas-socjeta` attrici u kienu jhallsu akkont. Il-pagamenti kienu jigu debitati lill-kontijiet antiki. Skond ma jidher mis-*sales ledger*, li fuqu jidher isem il-konvenuta Josette D'Alessandro, il-bilanc dovut huwa ta' Lm1355.01,2 (fol 19 sa 22). L-inkwiet mal-konvenut beda meta l-avukat tas-socjeta` attrici kiteb lill-konvenut biex ihallas il-bilanc;

Illi Alex Mizzi, li kien jahdem mas-socjeta` attrici bhala *sales executive,* fl-affidavit tieghu (fol. 36) xehed li l-konvenuti kienu accettaw li jixtru *snacks* minghand is-socjeta` attrici bil-patt u l-kondizzjoni li dawn ma jigux ritornati peress li s-socjeta` attrici ma kinitx tbiegh "*on consignment*";

Illi l-konvenut Michael Vella fl-affidavit tieghu xehed li ghalkemm huwa kiteb il-canteen fuq isem bintu Josette D'Alessandro, il-canteen kien hadu hu. Bintu kienet tahdem ghalih u ma kellha x'taqsam xejn max-xiri; dan kien isir minnu. Spjega li l-ftehim mas-socjeta` attrici kien li huma jaghtuh ix-xoghol u jhallas fix-xahar. Xehed li qatt ma kellhom problemi izda darba minnhom is-socjeta` attrici kkonsenjatlu hafna *snacks* li kellhom data ta' skadenza bikrija hafna. *"Is-salesman qalli biex ma ninkwetax u biex inbiegh dak li stajt u dak li ma jirnexxilix inbiegh ibiddiluli."* Kompla jghid li spicca biex baqghulu ma' wiccu 120 kaxxa, li s-socjeta` qatt ma bidlitlu u spicca biex remihom fil-mizbla. Il-konvenut ikkalkula l-valur ta' dawn il-kaxxi fl-ammont ta' Lm462. Il-konvenut xehed ukoll li ricentement huwa rcieva *statement* minghand id-ditta attrici datat 31/01/99 (ara fotokopja a fol. 45 tal-process) li juri bilanc ta' Lm655.01,2 u dan billi saru xi pagamenti li ma kinux jidhru fl-i*statements* originali. B'hekk, skond hu, wara li titnaqqas is-somma ta' Lm462, il-bilanc dovut huwa ta' anqas minn Lm200;

Illi dwar dan l-istatement ulterjuri u l-allegazzjoni li saru xi pagamenti li ma tnizzlux fl-i*statements* originali, kif tajjeb osserva l-perit legali, dan ma giex eccepit. Ghal kull buon fini, madanakollu, il-Qorti fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2001 talbet li l-i*statement* a fol 45 tal-process jigi kkonfermat u tinghata spjegazzjoni dwar l-ahhar pagamenti li setghu saru. In segwitu, is-socjeta` attrici esebiet nota fejn ikkonfermat li l-bilanc kien ghadu dak ta' Lm1355.01,2 u spjegat li l-i*statement* a fol. 45

tal-process ma jirreferix ghall-bilanc li s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tieghu fil-procedura odjerna, izda jirreferi ghal xoghol iehor li mhux mertu ta' din il-kawza. Il-konvenut ma offra ebda konferma da parti tieghu. Ghalhekk il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' dan id-dokument;

Illi l-ilment l-iehor tal-konvenut hu li mill-ammont dovut irid jitnaqqas dak l-ammont ghal *snacks* li huwa xtara bi skadenza qasira u li s-socjeta` attrici rrifjutat tiehu lura nonostante ftehim. Il-perit legali pero` accenna ghall-fatt li l-*policy* tal-kumpanija kienet li ma tbieghx *on consignment* u ssottometta li kieku ried il-konvenut seta' tella' jixhed is-*salesman,* li mieghu sar l-allegat ftehim. Skond l-*invoices* jidher li kien certu K. Attard. Il-konvenut naqas li jipprova li kien hemm ftehim li s-socjeta` attrici tiehu xi kaxxi lura minhabba l-allegata data ta' skadenza bikrija, anzi rema' l-kaxxi u ghalhekk qered il-provi materjali;

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet peritali li l-konvenut naqas li jirribatti l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta` attrici li min-naha taghha ressqet provi sufficjenti biex isostni l-pretensjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tideciedi din il-kawza billi:-

Wara li tillibera lill-konvenuta Josette D'Alessandro mill-osservanza tal-gudizzju;

Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut Michael Vella;

Tilqa' l-Ewwel Talba tas-socjeta` attrici diretta kontra l-konvenut l-iehor Michael Vella u tiddikjara li l-istess Michael Vella huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1355); u,

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba.

L-imghax legali u l-ispejjez (hlief ghal dawk relattivi ghall-konvenuta Josette D'Alessandro, li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici) ghandhom jithallsu mill-konvenut Michael Vella.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur